KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 - MALTA

TAS-SLIEMA

TAS-SLIEMA LOCAL COUNCIL
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 - MALTA

Telephone: +356 2133 7633
Fax: +356 2134 5333
Email: sliema.lc@gov.mt
Website: www.sliema-malta.com

**MINUTI TAS-SEDUTA NRU. 38** **IS-SITT KUNSILL**

It-tmienja u tletin seduta tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema nżammet **l-Erbgħa 25 ta' Mejju, 2011** fil-5.34 ta' filgħaxija fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq Depiro, Tas-Sliema.

**PREŻENTI**

Is-Sindku Johanna Gonzi, il-Viċi Sindku Cyrus Engerer u l-Kunsilliera Marianne Aquilina, Yves Bobby Cali, Sandra Camilleri, Edward Cuschieri, Martin Debono, Nicolai Gauci, J. Galea u Patrick Pace.

**APOLOĠIJI (Skont Ord. Perm. 14(3))**

Il-Kunsillier Nikki Dimech minħabba raġunijiet personali.
Il-Kunsill ikkunsidra l-apoloġija tal-Kunsillier msemmi bħala raġonevoli.

**UFFIĊĊJALI PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Svetlana Curmi u l-*Assistant Principal* Stefania Friggieri.
Is-Sur Christian Vella.
Dott. Marion Camilleri.

Is-Sindku Johanna Gonzi ppresediet il-laqgħa.

Fuq proposta tas-Sindku, il-Kunsill unanimament qabel li jiġi diskuss issa *item* numru tlieta (3) tal-aġenda.

## 38.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

38.3.1 Is-Sindku ressqet għad-diskussjoni korrispondenza mit-Transport Malta bir-referenza 8782 fejn il-Kunsill qed jiġi mistoqsi jagħti l-kummenti tiegħu lil Transport Malta dwar jekk jaqbilx mal-'*full pedestrianisation*' ta' Triq Bisazza.

38.3.1.1 Is-Sindku qalet li kienet ircievit korrispondenza mis-*Sliema Business Community*, fejn infurmawa li 59% tal-membri tagħhom jaqblu mal- mal-'*full pedestrianisation*' ta' Triq Bisazza.

38.3.1.2 Il-Kunsillier P. Pace qal li waqt il-laqgħa tal-lokalita r-residenti dehru li riedu li Bisazza tkun '*fully pedestrianised*'.

38.3.1.3 Is-Sindku spjegat li jekk il-karozzi tal-linja jgħaddu minn ġo Triq Bisazza dan ikun iffisser li madwar 28 karozza tal-linja jgħaddu minn Bisazza kull siegħa. Is-Sindku qalet li jekk il-karozzi tal-linja jgħaddu minn Tigne se jgħaddu minn taħt mina li hija ventilata tajjeb. Barra minn hekk issemma l-fatt li jkun hemm inqas konġestjoni tat-traffiku fil-qalba ta' Tas-Sliema u r-residenti ta' Tigne jkunu moqdijja aħjar.

38.3.1.4 Il-Kunsilliera M. Aquilina staqsiet kif u minn se jkollu aċċess għal Bisazza fosthom ir-residenti, kif ukoll kif se jsir il-*loading* u *unloading* tal-ħwienet u servizzi oħra.

38.3.1.5 Il-Vici Sindku u l-Kunsillier Y. Cali qalu li r-residenti għandhom ikunu nfurmati.

38.3.1.6 Is-Sindku qalet li għandha ssir laqgħa biex il-Kunsill jingħata din l-informazzjoni. Il-Kunsilliera prezenti qablu b'mod unanimu ma' dan.

***Il-Kunsillier M. Debono daħal għas-seduta fis-5.45 ta' filgħaxija.***

38.3.1.7 Il-Kunsillier M. Debono qal li '*full pedestrianisation*' ta' Bisazza se tkun tfisser li iktar karozzi jgħaddu minn ġo Qui-Si-Sana.

38.3.1.8 Is-Sindku pproponit li Triq Bisazza tkun '*fully pedestrianised*'. Il-Vici Sindku ssekonda.

38.3.1.9 Il-Kunsilliera Y. Cali, S. Camilleri, E. Cuschieri, J. Galea u P. Pace vvutaw favur.

38.3.1.10 Il-Kunsillier M. Debono vvota kontra u qal li jrid jikkwalifika l-vot tiegħu. Qal li diġa hemm problemi tat-traffiku fi Triq Reġjonali u li din it-triq laħqet il-*peak* tagħha ta' *traffic flow* u qal li din ma tiflaħx aktar traffiku ~~u qal li b'hekk se jiżdied it-*traffic count*~~ f'Tigne. ~~Qal li għalkemm kien imwiegħed *traffic plan* għal Tas-Sliema mill-awtoritajiet kompetenti dan baqa' ma sarx u għalhekk mhux għaqli li jittieħdu dawn it-tip ta' deċiżjonijiet speċjalment meta jista' l-quddiem ikun hemm proġetti infrastrutturali kbar.~~

38.3.1.11 Il-Kunsillier S. Camilleri qalet li xtaqet tikkwalifika l-vot tagħha. Qalet li filwaqt li taqbel mal-*full pedestrianisation* ma taqbilx li għandhom jidħlu roti jew *skateboards* fi Triq Bisazza.

38.3.1.12 Il-Kunsilliera M. Aquilina u N. Gauci astjenew u qalu li jridu jikkwalifikaw l-vot tagħhom. Qalu li huma mhumiex kontra l-proġett innifsu imma xtaqu li l-Kunsill ikun infurmat aħjar dwar dawn it-tip ta' proġetti mill-Ministeri u awtoritajiet ikkoncernati.

38.3.1.13 Il-mozzjoni għaddiet b' seba' (7) voti favur.

38.3.2. Is-Sindku ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill diversi ilmenti mir-residenti fl-inħawi ta' Qui-Si-Sana dwar l-istat tal-bankini u diversi toroq li ġgarfu bid-devjazzjoni tat-traffiku minnhom waqt li kien għaddej il-proġett ta' tisbiħ ta' Triq Bisazza u l-asfaltar ta' Triq Qui-Si-Sana.

38.3.2.1 Is-Sindku pproponiet li l-Kunsill għandu jikteb lill-Ministeru għar-Riżorsi u l-Affarijiet Rurali biex isiru l-bankini ta' Triq Locker, Triq Sant'Antnin, Triq Hughes Hallet u Triq Tigne, kif ukoll biex dawn it-toroq jiġu asfaltati. Il-Kunsillier S. Camilleri issekondat.

38.3.2.2 Il-Kunsill qabel b'mod unanimu ma' din il-proposta.

38.3.3 Is-Sindku ressqet għall-kunsiderazzjoni tal-Kunsill proposta għall-attivita bl-isem ta' Sliema Music Fest.

38.3.3.1 Qalet li din l-attivita għandha tkun organizzata mill-Kunsill Lokali Tas-Sliema flimkien mas-Salesian Pastoral Youth Service nhar it-28 ta' Ġunju 2011 bejn is-6 u l-11 ta' filgħaxija fi Ġnien Indipendenza. Qalet li l-għan ta' din l-attivita se jkun li jinġabru fondi għall-proġetti li għandhom s-Sależjani għall-bżonnijiet tal-missjonijiet tagħhom fil-Kenya, fl-Indja u l-Ghana. Qalet li barra diversi mużicisti li se jkun qed idoqqu waqt l-attivita, se jkun hemm ukoll diversi *food stalls*.

38.3.3.1 Il-Kunsillier J. Galea staqsa jekk jistgħux jintremgħu *food stalls* viċin tal-kiosk li hemm fil-Ġnien.

38.3.3.2 Is-Sindku qalet li vverifikat dwar dan u qalet li dawn il-*food stalls* jistgħu jintremgħu, izda qalet li wara laqgħa li saret mal-Assistent Kummissarju Zammit, il-Kunsill irid jivverifika mal-MTA kif għandha ssir l-applikazzjoni biex ikun hemm bejgħ ta' alkoħol waqt l-attivita.

38.3.3.3 Is-Sindku pproponiet li l-Kunsill jipprovdi l-*istage*, id-dawl u s-sound u l-*flyers*. Il-Kunsillier P. Pace issekonda.

38.3.3.4 Il-Kunsill qabel b'mod unanimu ma' din il-proposta.

38.3.3.5 Is-Sindku spjegat il-proċedura li se jaddotta l-Kunsill biex isir il-kiri għal *stage*, kif ukoll dawl u *sound* għal din l-attivita, u ttamat li l-aġġudikazzjoni tal-kwotazzjonijiet issir minħabba li f'laqgħat oħra msejjħa għal aġġudikazzjoni tas-sejħa għall-offerti għal gbir ta' skart imħallat ma kienx hemm kworum.

38.3.3.6 Wara li l-Kunsill iddiskuta l-proceduri amministrattivi relatati ma' xiri ta' servizzi l-Kunsill qabel li s-Segretarju Ezekuttiv għandha timplimenta d-decizjoni tal-Kunsill skont il-liġi.

38.3.3.7 Is-Sindku ipproponiet li l-Kunsill għandu jieħu sehem fl-organizzazzjoni tas-Sliema Music Fest billi jipprovdi *stage* li l-ispiza totali għalih ma tkunx ta' iktar minn €400 (inkluz il-VAT), dawl u *sound* għal

total ta' €700 (eskluz il-VAT) u flyers u posters għal total ta' €210 (eskluz il-VAT). Il-Viċi Sindku ssekonda.

38.3.3.8 Il-Kunsilliera S. Camilleri, E. Cuschieri, N. Gauci, J. Galea u P. Pace ivvutaw favur. Il-Kunsilliera M. Aquilina, Y. Cali u M. Debono astjenew.

38.3.3.9 Il-mozzjoni għaddiet b'seba (7) voti favur.

38.3.4 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li fis-6 ta' Ġunju il-Ministeru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali kien se jorganizza attivita biex jinawgura l-proġett ta' tisbiħ ta' Triq Bisazza.

38.3.4.1 Is-Sindku ipproponiet li l-Kunsill jikteb lill-Ministeru tal-Finanzi biex il-ħwienet jibqgħu miftuħin fis-6 ta' Ġunju u biex jiftħu fis-7 ta' Ġunju, 2011. Il-Viċi Sindku ssekonda.

38.3.4.2 Il-Kunsill qabel b'mod unanimu ma' din il-proposta.

38.3.5. Is-Sindku ressqet għal kunsiderazzjoni tal-Kunsill korrispondenza bir-referenza 8675 mibgħuta mill-Parrocca Madonna tas-Sacro Cuor, dwar l-organizzazzjoni ta' Jum l-Għaqdiet f'Tas-Sliema u l-Wirja Marjana mill-Kunsill u l-Parrocca Madonna tas-Sacro Cuor fl-organizazzjoni ta'.

38.3.5.1 Is-Sindku qalet li l-ispiza għall-partecipazzjoni f'din l-attivita mill-Kunsill se tkun ta' madwar €500.

38.3.5.2 Il-Kunsilliera preżenti qablu li l-Kunsill għandu jistampa flyers u jibgħat l-inviti lill-għaqdiet mhux governattivi Slimizi.

38.3.5.3 Il-Kunsillier M. Aquilina qalet li l-Kunsill kien diġa għamel attivita mal-Parrocca tas-Sacro Cuor u qalet li l-Kunsill għandu jaħdem ma' kull banda bl-istess mod. Qalet li l-Kunsill għandu jistabilixxi kemm għandha tkun in-nefqa tiegħu għal kull attivita u qalet li din għandha tkun l-istess ma' kull banda.

38.3.5.4 Is-Sindku qalet li kienet iltaqgħet mal-erba' baned tal-lokalita biex jagħtu l-proposti tagħhom lill-Kunsill għall-organizazzjoni ta' attivitajiet flimkien mal-Kunsill fix-xhur tas-sajf.

38.3.5.5 Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li għandu jippartecipa f'din l-attivita u li l-ispiza għandha tkun kif propost, cioe ta' madwar €500.

38.3.5.6 Tkompliet id-diskussjoni mqajjma mill-Kunsillier M. Aquilina. Il-Kunsillier Y. Cali ippropona li l-Kunsill għandu jagħmel *capping* għal kull attivita. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li l-*capping* għal kull attivita għandu jkun ta' €1,500.

38.3.6 Tqajjmet diskussjoni dwar l-użu ta' Ġnien Indipendenza mill-baned Slimizi.

38.3.6.1 Is-Sindku qalet li l-Ġnien huwa pubbliku u għaldaqstant jista' jintuża għall-attivitajiet mill-baned u l-parroċċi kollha Tas-Sliema.

38.3.6.2 Il-Viċi Sindku u l-Kunsillier N. Gauci qalu li dan il-Ġnien tradizzjonalment jintuza mill-Banda San Girgor u li għandhom jiġu rispettati l-konfini tal-parrocci fil-lokalita.

38.3.6.3 Ma ntlaħaqx qbil dwar dan.

*Il-Viċi Sindku u l-Kunsillier P. Pace ġew skużati mis-seduta fis-6.18 ta' filgħaxija.*

38.3.7 Is-Sindku resqet għal kunsiderazzjoni tal-Kunsill talba mis-Salesian Brigade għal permess biex issir attivita għal donazzjoni tad-demm fi Triq San Ġwann Bosco. Qalet li kien qed jintalab il-permess tal-Kunsill biex tingħalaq Triq San Ġwann Bosco bejn Triq Howard u Triq Karm Galea. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

*Il-Kunsillier N. Gauci talab li jiġi skużat mis-seduta fis-6.19 ta' filgħaxija.*

38.3.8 Is-Sindku ressqet għad-diskussjoni talba mill-Perit Robert Sarsero biex jinħareġ il-permess għal *tower crane* fi Triq Sir Arturo Mercieca. Qalet li din it-talba kienet diġa mressqa quddiem il-Kunsill, fejn il-Kunsill kien qabel li jitlob il-parir tat-TM u tal-Perit tal-Kunsill dwar jekk dan it-*tower crane* jistax jintrama fil-proprjeta in kwistjoni jew fit-triq. Qalet li r-risposta tal-Perit tal-Kunsill kienet li dan it-*tower crane* ma jistax jintrama fil-proprjeta minħabba li l-MEPA ma tatx il-permess li titwaqqa' l-faccata u x-*shaft* tal-proprjeta kien dejjaq. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li t-*tower crane* jintrama fit-triq.

*Il-Kunsillier N. Gauci daħal lura għas-seduta fis-6.21 ta' filgħaxija.*

38.3.9 Is-Sindku ressqet għal attenzjoni tal-Kunsill il-parir li kienet ħadet mill-Avukat tal-Kunsill dwar il-ħruġ ta' *default notice* lill-Accountant tal-Kunsill. Qalet li ma tistax tinħareġ *default notice* qabel ma jinħarġu numru ta' *warnings* skont kif stipulat fil-*General Conditions* tal-kuntratt tiegħu. Spjegat li għandha tkun evitata deċizjoni ħazina tal-Kunsill li tista' twassal għall-istess sitwazzjoni li l-Kunsill għadu għaddej minnha meta ma mexiex mal-kundizzjoniijiet tal-Kuntratt tal-Contracts Manager.

38.3.9.1 Il-Kunsillier Y. Cali ippropona li minnflok *default notice* jinħareġ *warning.*

38.3.9.2 Is-Sindku ppproponiet li l-*warning* m'għandux jinħareġ

38.3.9.3 Il-Kunsillier Y. Cali qal li l-Kunsill kien diġa qabel f'seduta li jieħu azzjoni għalhekk ippropona li minnflok *default notice* jinħareġ *warning.* Il-Kunsilliera M. Aquilina ssekondat.

38.3.9.4 Il-Kunsilliera S. Camilleri, M. Debono u N. Gauci ivvutaw favur. Is-Sindku u l-Kunsillier E. Cuschieri ivvutaw kontra. Il-Kunsillier J. Galea astjena.

38.3.9.5 Il-mozzjoni għaddiet b' ħames (5) voti favur.

38.3.10 F'dan l-istadju s-Sindku ppproponiet li f'każ li l-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill jitħalla jiftaħ fil-ġumata tar-Referendum, m'għanda ssir l-ebda diskussjoni politika relatata mar-Referendum.

38.3.11 Il-Kunsillier Y. Cali ssuġġerixxa li ssir lista ta' affarijiet li jkunu ġew diskussi fil-Kunsill u x'azzjonijiet ikunu ttieħdu.

38.3.11.1 Is-Segretarju Eżekuttiv issuġġeriet li tista' tibda tibgħat kopja tal-korrispondenza li tintbagħat biex ikunu attwati d-deċizjonijiet tal-Kunsill lill-Kunsilliera kollha. Qalet li diġa bdiet tagħmel hekk dwar ċertu suġġetti bħal korrispondneza lit-TM.

38.3.12 Is-Sindku ressqet għal kunsiderazzjoni tal-Kunsill Memo 43/2011 Skemi ta' Finanzjament Speċjali Għas-Sena 2011. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li japplika għall-iSkema Attivitajiet Kulturali 2012, Skema dwar Inizjattivi Sportivi fi-Lokalitajiet 2012, Skema ta' Taħriġ għal Kunsilliera, Skema għal Titjib fil-Playing Fields, Skema Progetti Speċjali, u l-iSkema fil-qasam tas-servizzi E-Gov.

38.3.13 Is-Sindku rreferriet għal Memo 44/2011 Skema ta' Għajnuna Finanzjarja għal Korsijiet Lifelong Learning. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li japplika għal Sezzjoni B.

38.3.14 Il-Kunsillier N. Gauci ippreżenta dokument bid-dettalji għal organizzazzjoni ta' attivita bl-isem ta' *Sliema Music Festival*, li jixtieq jipproponi għaż-żgħażagħ ta' Tas-Sliema fl-24 ta' Lulju, 2011. Kien hemm diskussjoni minħabba li l-Kunsillier N. Gauci xtaq jorganizza din l-attivita fi Triq it-Torri bil-konsegwenza li din it-Triq tingħalaq għat-traffiku. Gie nnutat li dan jista' joħloq inkonvenjent minħabba s-servizz tal-Arriva.

38.3.15 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li s-sejħa għall-offerti għall-assigurazzjoni tal-Kunsill inħarġet.

38.3.15.1 Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill li l-polza ta' assigurazzjoni kellha tiġġedded għal xahar li jkopri l-perjodu tal-ftuħ u l-aġġudikazzjoni ta' din is-sejħa għall-offerti. Is-Sindku pproponiet li jinħareġ il-pagament. Il-Kunsillier J. Galea ssekonda. Il-Kunsilliera M. Aquilina, S. Camilleri, E. Cuschieri u N. Gauci vvutaw favur. Il-Kunsilliera Y. Cali u M. Debono astjenew.

38.3.15.2 Is-Sindku ipproponiet li għandha ssir laqgħa tal-Kunsill nhar il-Ħamis 9 ta' Ġunju, 2011 biex issir l-aġġudikazzjoni tas-sejħa għall-offerti għall-assigurazzjoni tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

38.3.15.3 Is-Sindku talbet biex il-Kunsill jiltaqa' b'mod informali fil-5 ta' filgħaxija biex ikun jista' jiddiskuti l-offerti mitfugħa qabel il-laqgħa tal-Kunsill, biex jitħaffef il-process u ma jkunx hemm telf ta' ħin waqt il-laqgħa tal-Kunsill.

38.3.16 F'dan l-istadju, fir-rigward tal-attivita proposta mill-Kunsillier N. Gauci aktar kmieni f'din is-seduta (Ref. 38.3.14), il-Kunsillier Gauci talab lill-Kunsill biex japprova l-organizzazzjoni ta' din l-attivita. Qal li d-

dettalji addizjonali bħal post fejn se tiġi organizzata l-attivita ecc jiġu mogħtija aktar tard. Il-Kunsillier M. Debono ssekonda l-proposta tal-Kunsillier Gauci izda qal li għandhom ikunu vverfikati u pprezentati quddiem il-Kunsill l-ispejjez li kienet se tinvolvi l-organizzazzjoni ta' din l-attivita. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu ma' din il-proposta.

38.3.16.1 Is-Sindku talbet lill-Kunsillier N. Gauci jagħmel laqgħa mal-Pulizija dwar din l-attivita, kif ukoll talbet lill-Kunsillier jiltaqa' mas-Segretarju Eżekuttiv

***Il-Kunsilliera M. Debono u N. Gauci ġew skużati mis-seduta fis-7.01 ta' filgħaxija.***

38.3.17 Is-Sindku ressqet għad-diskussjoni r-risposta għall-*Management Letter.*

38.3.17.1 L-accountant tal-Kunsill, is-Sur Christian Vella spjega ir-risposta għall-*Management Letter* (Dok 'A' mehmuz).

38.3.17.2 Fost affarijiet oħra ġie nnotat il-każ tal-PMG, fejn il-Kunsill ġie infurmat li għadu ma rċeviex risposta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li s-Segretarju Eżekuttiv flimkien mal-Avukat tal-Kunsill għandhom jitolbu laqgħa mad-DLG dwar dan.

38.3.17.3 Ġie nnotat ukoll li l-Kunsill għandu jaġġudika l-offerta għal ġbir tal-iskart imħallat mill-iktar fiss.

38.3.17.4 Dwar l-offerta għas-servizz ta' perit, ġie nnotat li l-Perit Vassallo ma tax il-Performace Guarantee lill-Kunsill. Il-Kunsillier J. Galea qal li l-Perit Vassallo kien qiegħed ikaxxkar saqajh biex jieħu azzjoni kif mitlub mill-Kunsill fuq diversi materji. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li l-Perit Vassallo għandu jingħata xahar ċans biex jagħti l-Performance Guarantee tiegħu lill-Kunsill u f'każ li din ma tasalx fi zmien it-terminu impost il-Kunsill ikollu jieħu passi oħra.

38.3.17.5 Is-Sindku pproponiet ir-risposta għall-*Management Letter* kif diskussa waqt il-laqgħa. Il-Kunsillier J. Galea issekonda. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

***Il-Kunsilliera M. Aquilina ġiet skużata mis-seduta fis-7.30 ta' filgħaxija.***

**Il-laqgħa waqfet fit-7.30 ta' filgħaxija minħabba nuqqas ta' kworum.** Is-Sindku ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsilliera prezenti li kien hemm numru ta' *items* fuq l-aġenda tas-Seduta Nru. 38 li l-Kunsill ma laħaqx iddiskuta fost dawn il-*Bye-Laws* li għalihom kienet ġiet mistiedna l-Avukat tal-Kunsill biex tispjegahom lill-Kunsill, il-pagamenti tax-xahar, il-minuti u affarijiet oħra.

**Seduta oħra ġiet imsejħa għad-9 ta' Ġunju, 2011 fil-5.30 ta' filgħaxija.**

**Johanna Gonzi**
**Sindku**

**Svetlana R. Curmi**
**Segretarju Eżekuttiv**

Minuti approvati llum ..Il-Ħamis.. ..10.. ta' ..Frar.. 2011.
(jum) (data) (xahar)